**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Settembru, 2018

Rikors Guramentat numru : 56/16 AL

A B C

vs

L-Avukat Dottor Stephen Thake (bhala mandatarju specjali tal-assenti D E F C

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti f'din il-kawza huma mizzewga, liema zwieg gie ccelebrat gewwa Yeoville, fis-Sud Afrika nhar l-4 ta' Mejju 1997 u dana kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok. 'DL 1' ;
2. Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabbilment minhabba servizzi gravi, ingurji, abbandun u adulterju da parti tal-konvenuta fil-konfront tar-rikorrenti, kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru ta' bejn il-

kontendenti u dana hekk kif ser jipprova l-istess rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna ;

3. Illi minn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied X li llum hija maggorenni, Y C imwielda fit-2 ta’ Frar tas-sena 2002, u Z C imwieled fit-12 ta’ Settembru 2008 ;
4. Illi l-kontendenti kienu qed jirresjedu gewwa Malta meta l-konvenuta harbet minn Malta ma tfal minuri tant li dawn regghu gew Malta permezz ta’ decizjoni datata 19 ta’ Ottubru 2012 moghtija mill-Qorti kompetenti gewwa l-Portugal li ordnat fost affarijiet ohra r-ritorn immedjat tal-minuri gewwa Malta u dana kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-provi ;
5. Illi l-istess ulied qed jirrisjedu mal-missier u dana sa minn meta gew ritornati Malti kif ukoll a bazi ta’ digriet moghti minn din il-Qorti fl-1 ta’ Novembru 2014 ;
6. Illi l-konvenuta qatt ma kkonribwixxit ghall-manteniment ta’ ulieda minuri ;
7. Illi l-kontendenti ilhom ghal aktar minn erbgha (4) snin ighixu ‘l boghod minn xulxin u ghalhekk jinkonkorru l-kriterji mill-ligi ghall-halla taz-zwieg  u d-divorzju tal-partijiet ;
8. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati wara l-process ta’ medjazzjoni biex jipprocedu fil-kontenzjuz permezz ta’ kawza ghal separazzjoni personali (Dok ‘DL 2’) ;

Talab ghar-ragunijiet hawn premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti;
(2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Y C u Z C f’idejn ir-rikorrenti;
(3) Tikkundanna lill-konvenuta thallas matneniment adegwat ghal ulieda minuri;
(4) Tiffissa l-modalitajiet kollha ta’ l-access tal-konvenuta ghall-minuri Y C u Z C;
(5) Tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni, taqsamha f’zewg porzjonijiet applikando kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lir-

rikorrenti u l-ohra lill-istess konvenuta, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u okkorrendo ta' Nutar Pubbliku biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(6) Tapplika l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante hija l-konvenuta li hija unikament hatja tal-firda minn mar-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha tal-imsemmi artikolu fil-konfront ta' l-istess konvenuta;

(7) Tahtar Nutar Pubbliku halli jippubblika l-att tal-qasma tal-proprjeta' immobbiljari tal-kontendenti, jekk ikun il-kaz, skont is-sentenza ta' din il-Qorti;

(8) Tahtar, jekk ikun il-kaz, kuraturi deputati halli jidhru minflok il-konvenuta f'kaz li hija tonqos li tidher ghall-att pubbliku a tenur tas-sitt talba attrici;

(9) Tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ispejjez kollha tal-proceduri oderjni stante illi l-attur m'ghandu ibati l-ebda forma ta' spejjez billi l-firda ma kinitx it-tort tieghu izda tort unikament tal-konvenuta;

(10) Tiddikjara li z-zwieg tal-kontendenti hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta u l-istess konvenuta minn issa ingunta in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet; (fol. 20)

1. Illi d-disgha talba tal-attur ma hiex cara u dan qieghed jigi senjalat peress illi l-implikazzjonijiet ta' dik it-talba jinciedu fuq it-talbiet l-ohra tieghu. Jekk l-attur qieghed jitlob biha l-hall taz-zwie,g dik it-talba ma tistghax issir jekk ma jigux qabel skrupolzament segwiti l-kwiziti illi skont il-Ligi jiddixiplinaw talba ghal hall taz-zwieg, kompriza l-awtorizzazjoni *ad hoc*. In oltre, ma huiex permess illi parti titlob il-hall taz-zwieg **u** s-separazzjoni fl-istess kawza. Jekk alternattivament l-attur qieghed implicitament jallega illi z-

zwieg tal-kontendenti huwa gja mahlul, ghandu jressaq prova ta' daqshekk u jispega imbaghad it-talbiet l-ohra tieghu fid-dawl ta' daqshekk.

2. Illi l-imsemmija D E F C taqbel li ghandha tigi ddikjarata s-separazzjoni personali b' dana pero' illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma huiex minnu illi l-imsemmija D E F C b' xi mod tat lok ghas-separazzjoni personali kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fid-dawl ta' daqshekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni kontra taghha tad-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mill-attur fil-hames talba tieghu.

3. Illli t-tieni u t-tielet talba hija opposta stante illi huwa fl-interess tat-tfal minuri Y u Z ahwa C illi l-kura u l-kustodja taghhom tkun fdata f' idejn l-imsemmija ommhom, D E F C, b' dan illi ghandu jkun l-attur illi jkollu access ghall-imsemmija tfal minuri, purche' l-access stabbilit ikun jirrefletti wkoll il-htigijiet tat-tfal, ix-xewqat taghhom u l-impenji socjali u edukattivi taghhom; Din il-materja hija l-meritu ta' kawza fl-ismijiet inversi illi giet istitwita mill-eccipjent appuntu sabiex il-mandanti tieghu tigi fdata bil-kustodja tal-ulied minuri u sabiex tigi awtorizzata izzomm lil uliedha maghha fil-post ta' residenza taghha gewwa l-Ingilterra.

4. Illi r-raba talba dwar ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti mhijiex, soggett ghal dak illi jinghid aktar l-isfel f' din l-eccezzjoni, opposta, b'dana pero' illi jigi kkonsidrat illi kien l-istess attur illi gab it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u b' dan ukoll illi l-imsemmija D E F C, illi ma kienet b' ebda mod responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, ma ghandiex titqies dekaduta mid-dritt taghha illi tippercepixxi sehem minn dak akkwistat ukoll principalment bil-hidma tal-attur; Illi inoltre u billi z-zwieg tal-kontendenti gie kkontrattat fl-Afrika ta' Isfel u billi wkoll il-kontendenti damu zmien relattivament twil jghixu barra minn Malta, l-attur ghandu jressaq prova dwar il-ligijiet rilevanti illi storikament rregolaw il-gid tal-kontendenti jew min minnhim fil-kors taz-zwieg taghhom. Is-sitt u s-seba

talbiet attrici huma ukoll kwalifikati minn dak eccepit fir-rigward tar-raba talba tieghu.

5. Illi t-tmien talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi l-attur huwa hati tas-separazzjoni u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu minnu.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat l-affidavits ippreżentati u d-dokumenti esebiti anke fl-atti ta' diversi rikorsi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-Perit Legali Dottor Abigail Critien;

Rat illi l-partijiet waslu għal separazzjoni konsenswali bejniethom u effettivament resqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, kif debitament awtorizzat minn din il-Qorti, fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri iddatat l-24 ta' Lulju 2018.[1]

Rat illi permezz ta' rikors konġunt ippreżentat nhar is-6 t'Awwissu 2018[2] il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet l-oħra attriċi illi jiġu qabel l-aħħar talba, tgħaddi għas-sentenza dwar l-aħħar talba u cioe tippronunzja l-ħall taż-żwieġ tal-kontendenti. Permezz tal-istess rikors, il-konvenut mandatarju Dottor Stephen Thake irtira l-kontestazzjoni tiegħu għall-għaxar talba tal-attur, kif kien ressaq fir-risposta ġuramentata tiegħu[3]. Ġie ddikjarat illi l-assenti D E F C kienet qiegħda taderixxi ruħha ma' dak premess mill-attur u cioe illi jeżistu l-elementi kollha maħsuba fil-liġi biex il-Qorti tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

[1] Kopja legali tiegħu hija esebita fol. 282
[2] Fol. 275
[3] Ara l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.

Rat illi permezz ta’ digriet fl-udjenza tas-7 t’Awwissu 2018, il-Qorti laqgħet ir-rikors u l-kawża ġiet imħollija għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza dwar l-għaxar talba tal-attur.

Rat illi permezz ta’ nota ppreżentata mill-attur fit-23 ta’ Awwissu 2018[4], l-attur ċeda t-talbiet tiegħu min-numru wieħed (1) san-numru disgħa (9) filwaqt illi żamm ferm l-għaxar (10) talba tiegħu għall-pronunzjament tad-divorzju.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba għall-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi C, li kienu żżewġu nhar il-ħamsa (5) ta’ April elf disa’ mija u sebgħa u disgħin (1997) ġewwa Yeoville fir-Repubblika tal-Afrika t’Isfel[5]. Minn dan iż-żwieġ twieldu tliet ulied, X li hija maġġorenni, Y li preżentement għandha sittax (16) -il sena u Z li fil-qrib jagħlaq għaxar (10) snin.

In vista li t-talbiet kollha f’din l-azzjoni ġew ċeduti għajr dik tal-pronunzjament tal-ħall taż-żwieġ, jeħtieġ illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, li ġiet intavolata fid-9 ta’ Marzu 2016, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa’ talba għall-pronunzjament ta’ divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta’ divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta’, jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba’ snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tas-separazzjoni legali; u
(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

---

[4] Fol. 286
[5] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit fol. 6. Il-Qorti għalhekk tirrileva illi l-ewwel premessa tar-Rikors Ġuramentat hija żbaljata f’dak illi jirrigwarda id-data taż-żwieġ.

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[6]

Mill-eżami tal-provi[7], jirriżulta illi wara t-twelid tat-tielet wild tal-konjuġi C, ossia Z illi twieled fl-2008, il-partijiet qatt ma reġgħu irrikonċiljaw flimkien minkejja li għal xi żmien kienu jirrisjedu flimkien. Ftit wara t-twelid tat-tifel, il-konvenuta assenti telqet flimkien mat-tfal mill-Italja fejn kienu jirrisjedu, lejn il-Portugall. L-attur baqa' jirrisjedi ġol-Italja sakemm ħassu kostrett imur huwa wkoll il-Portugall. Huma lkoll telqu minn hemmhekk fl-2011 u ġew jirrisjedu hawn Malta. Relazzjoni bejniethom ma baqgħetx possibbli u l-partijiet isseparaw *de facto* u definittivament f'Settembru 2011.

Il-konvenuta assenti ssostni illi anke fil-perjodi li l-partjiet kienu għexu flimkien wara t-twelid tat-tifel, il-partijiet kienu allontanati emozzjonalment minn xulxin u jorqdu fi kmamar separati. *"Din il-koabitazzjoni ma wasslet qatt għar-rikonċiljazzjoni bejn il-konjuġi u sar biss biex it-tfal jgħixu maż-żewġ ġenituri tagħhom."* [8] Fil-fatt, sa Diċembru 2011, l-attur kien jinsab f'relazzjoni ma' mara Maltija li jisimha MN li minnha għandu iben li preżentement għandu erba' snin. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, fil-frattemp għexet ġewwa l-Portugal u ġewwa l-Ingilterra u hija wkoll kellha diversi relazzjoni ma' rġiel oħra.

Skont il-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet C, senjatament l-Artikolu 4 *"The Parties hereby renounce to their reciprocal right to claim/receive maintenance from each other".* Dwar l-ulied, il-partijiet qablu li jżommu kura u kostodja konġunta b'dan illi l-minuri Z jibqa' jirrisjedi mal-missier, filwaqt illi l-minuri Y tirrisjedi regolament mal-omm.

In vista ta' dana l-arraġament, rigward il-manteniment tal-ulied minuri il-partijiet stipulaw permezz tal-Artikolu 5.11 *"The Parties hereby agree that each of them shall be responsible for the maintenance of the Minor Children who shall be residing with*

[6] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[7] Affidavit tal-attur fol. 27A u dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta assenti fol. 22.
[8] Paragrafu j, fol. 23

*him/her. For purposes of r[t]his stipulation, the maintenance of the said child shall include that child's medical costs and expenses of the Minor Children as also all fees connected with tertiary and subsequent education, as well as the cost of extra-curricular and other activities of the Minor Children, selected by the party caring for the child"*

Għaldaqstant, il-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju. Jirriżulta illi meta l-attur intavola t-talba għad-divorzju, il-partijiet kien ilhom *de facto* separati għal iktar minn erba' (4) snin. M'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni tagħhom stante li kull parti għandha l-ħajja tagħha indipendenti mill-parti l-oħra u l-attur ifforma nukleu familjari ġdid. M'hemm lanqas ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment tagħhom jew ta' uliedhom minuri;

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tilqa' l-għaxar talba tal-attur u tiddikjara u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet konjuġi C nhar il-ħamsa (5) ta' April elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997).

[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien u id-disa' talba tal-attur stante illi dawna ġew ċeduti.

[3] Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex fi żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, dawna jibqgħu mingħajr taxxa, bejn il-partijiet.